KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Kunsill Lokali** Ħal Għargħur

Kunsill Lokali Ħal Għargħur
32, Triq San Nikola, Ħal Għargħur

+356 2741 4111

**ghargur.lc@gov.mt**

MINUTI

Laqgha tal-Kunsill Lokali Hal Gharghur

ID-DISA' LEGISLATURA

Laqgha Numru 28

Data tal-laqgha: 11t'Awwissu 2025

Il-Kunsill Lokali Hal Gharghur laqa' b'urgenza nhar it-Tnejn 11 t'Awwissu 2025 fil-5.30pm

| Prezenti | Membri |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Vici Sindku | Francesca Attard |
| Kunsilliera | Christopher Fenech |
| | Helen Gauci |
| | Marilena Galea |
| Segretarju Ezekuttiv | Maria Victoria Vassallo |

Il-laqgha bdiet fil-5.30pm billi ntqalet it-talba.

28/01 Qari mill-ittri ta' apologiji.

28/01/01 Is-Sindku, Is-Sa Meli qalet li ma rciviet l-ebda ittra ta apologija u ghal din ir-Raguni kulhadd kien prezenti ghall din il-laqgha.

28/01/02 Is-Sa Meli tinforma lill kunsill li r-raguni li ssejhet laqgha b'urgenza hi minhabba Materji li l-kunsill ghandu pendent fosthom hlasijet pendent li l-kunsill qed jigi Mfittex b'mod legali li minhabba f'hekk il-kunsill kellu jsaqsi ghall-parir legali.

28/01/03 Is-Sa Meli titlob li ghall waqt il-laqgha jinzammu l-mobiles fuq il-mejda u jintuzaw Biss f'kaz ta emergenza halli kulhadd ikun qed jiffokka fuq il-kontenunut tal-Laqgha.

28/01/04 Is-Sa Meli fakkret kif diga kinet semmiet drabi ohra li l-organizzaturi ta l-avveniment Tal-boxing qed ifittxu lill kunsill legalment biex jithallas il-kont pendent dovut lilhom Ta ghoxrin elf u mitejn ewro.

Fid-dawl ta din l-ispiza enormi il-kunsill kellu d-dover li jara dan il-kont huwiex Gustifikat u jara min huwa responsabbli .

28/01/05 Is-Sa Meli infurmat lill membri tal-kunsill li waqt laqgha bejn li sehhet bejn Is-Sinku , is-segretarju ezekuttiv u l-avukat li jirrapresenta lill kunsill u sid l-avveniment tal-boxing u l-avukat tieghu, is-Sa Meli tablet verifikazzjoni ta l-ispiza li baqa' pendent.

28/01/06 Is-Sa Meli iccirkulat il-komunikat ta l-avveniment tal-boxing u il-breakdown ta l-ispejjez. Biex jithaffef il-process is-Sa Meli offrit li taqra l-komunikat u wara ticcirkola dan biexkull membru jkollu l-opportunita li jaqra bil-kalma.

28/01/07 Is-Sa Meli tghamel referenza ghall xi press call li kienet saret f'dan ir-rigward. Mhemuza ma dawn il-minuti hemm l-ittra bir-reklam ta dan l-avveniment fejm tali Ittra tispecifika meta u fejn kien se jsir bil-ftehim bejn Pjazza De Box u s-Sa Helen Gauci

28/01/08 Is-Sa Meli tispjega kif ma l-ittra legali il-kunsill ircieva set ta invoices. Meta ffacjati Bi spiza bhal din il-kunsill kellu d-dover jivverifika jekk din l-ispiza hix gustifikata. Is-Sa Meli tinforma lill membri li kienet intbghatet komunikat b'X-excel sheet bil-Budget fuq g-mail account, li milli tistgha tifhem hi qatt ma gie ipprezenatat waqt Il-laqghat tal-kunsill precedent.

Minn dan il-kont jirrizulta li ghxart elef ewro thallus in full minn sponsors li ma Kienx sar kuntratt mieghu imma hallas direttament lill organizzatur, mhux lill Kunsill kif isir is-soltu u mbghad il-kunsill ihallas lill organizzatur.

Is-Sa Meli tissokta tghid li hemm zewg kontijiet ohra wiehed ta tnax il elf ewro u lehor ta tmint elef u mitejn ewro ohra liema invoices kellhom jigu certifikati mill-Kunsill flimkien ma l-ammont li diga thallas. Mas-sottomissjoni ta l-invoices Hemm l-items imnizzlin bi spjegazzjoni u c-cifra mitluba ghalihom.

28/01/09 Is-Sa Meli tkompli biex tghid li bla ebda dubju l-avveniment sehh, jigifieri il-kunsill Huwa responsabbli fl-ahhar mill-ahhar izda wiehed irid jara kif saret l-affari u min Se jinzamm responsabbli peress li l-avveniment ma giex organizzat skond il-Procedure kif supost.

Tergha tishaq li il-boxing activity saret – bla dubju ta xejn izda il-kif wiehed ghad irid Jara min se jerfgha r-responsabbilta.

28/02 **Kummenti**

28/02/01 Is-Sur Fenech jghid illi kin konxju li l-avventiment kien se jsir, izda hu minghalih Li kien se jsir bl-isponsors u jhid li dan il-budget ta ghoxrin elf ewro li qed jissemma Ma jafx bihom u jsostni li dan qatt ma ttellgha waqt l-ebda agenda SOP jew laqgha Tal-kunsill.

Huwa jkompli jghid li ma jafx min huma l-isponsors. Huwa jtenni li sar jaf b'dawn Il-kontijirt pendinti dawn l-ahhar ergha xhur.

28/02/02 Is-Sa Meli tghid li fittixna fl-agenda u fil-minuti pero ma nstab xejn li juri li dan il-Budget kien gie diskuss waqt xi laqgha tal-kunsill.

28/02/03 F'dan il-hin, is-Sa Meli iccirkolat il-komunikat bl-invoices lill-membri tall-kunsill.

28/03 **Decizjoni dwar il-hlas**

28/03/01 Wara dan il-komunikat kollu, is-Sa Meli tablet ghall-vot biex il-kunsill jikkonkludi Jekk isirx il-hlas jew le.

28/03/02 Is-Sa Galea staqsiet la darba li dawn id-dokumenti u l-invoicesil-kunsill ircevijhom Ma l-ittra legali, u li ilhom, ghaliex kien hemm dak id-dewmien u ma sarx diskussjoni qabel?

28/03/03 Is-Sa Meli irrispondiet li kienet hegget lis-Sa Jeanette Galea li dak iz-zmien kienet Id-deputat segretarju ezekuttiv biex dawn l-invoices u dokumenti jigu ccirkulati.

28/03/04 Is-Sa Marilena Galea regghet staqsiet ghaliex Kella tissejjah laqgha b'urgenza meta Dawn l-invoices kienu ilhom f'idejn il-kunsill.

28/03/05 Is-Sa Meli irrispondiet li kien lok li hi flimkien mas-segretarju ezekuttiv jiehdu parir Legali u nivverifikaw l-ispiza flimkien ma l-organizzatur u l-legal representative Tieghu

28/03/05 Hawnhekk is-Sa Marilena Galea tinterrompi lis-sindku u tigbdilha l-attenzjoni li
S'issa ghada ma semmietx x'kien il-parir legali

28/03/06 Is-Sa Meli irrispondiet li ghandha il-verifikazzjoni u qed tipprezentahhielha.
Is-Sa Meli terggha tishaq li l-affarijier saru, li gew miftehma mill amministrazzjoni
Precedent minghajr ma l-kunsill ma kien infurmat kif jixhdu l-minuti, ghalhekk il kif
Saret ghad hemm domanda. Tkompli biex tghid li hawnhekk il-kunsill irid jara kif
Se jzomm lill min hu responsabbli tal-kif, pero dwar x'gara qieghda cara kritalla li ma
Nistghux nindaqaq legalment li ma sarietx. Il-verifika tas-somom issokktat thgid li
Qieghda hemm, li rridu nhallsu lill organizzatur, pero mhux se jithallas u l-affari
Tieqaf hemm. Il-kunsill irid jara min kien responsabbli u naqas milli jimxi mal-
Proceduri.

28/03/07 Is-Sa Marilena tghaddi kumment li tghid li hi minghalija hemm investigazzjoni
Ghaddejja.

28/03/08 Is-Sa Meli tirrispondi li dik l-investgazzjoni hi tal NAO u li l-kunsill bhalissa ghandu
Proceduri legali x'jiffaccja

28/03/09 Is-sa Marilena itteni li ladarba dawn iridu jithasslsu ghalfejn l-investigazzjoni

28/03/10 Is-Sa Meli tirrispondi li l-investigazzjoni fuq il-finanzi tal-kunsill b'mod holistiku
U tiireferi ghal dan il-kaz specifiku tal-boxing, wiehed minnhom, ghax imbghad
Hemm tas-security

28/03/11 Is-Sa Marilena issaqsi issa x'se jigri.

28/03/12 Is-Sa Meli tghid li l-parir legali kien wara li vverifikajna li dan l-avveniment vera sehh,
Legalment il-kunsill irid izomm lill min hu responsabbli ta l-att ta kif saret il-
Procedura. Tkompli tghid li legalment hemm il-qorti u nimxu kif suppost u naraw
X'hemm bzonn isir u li hi se timxi mall-pariri legali ta l-avukat.

28/03/13 Is-Sa Marilena terghha ssaqsi x'kienu l-pariri legali

28/03/14 Is-Sa Meli tirrispondi billi tghidilha "qed nghidle – li min hu responsabbli se jigi
Mfittex mill-kunsill fil-konfront ta proceduri li ma sarux kif suppost. Tissokkta tghid
Li minhabba s-sensitivita u ma tisthgax tidhol f'hafna dettall u biex ma toqghodx
Tinkwieta.

28/03/15 Is-Sa Gauci tghid li iridu jkunu jafu.

28/03/16 Is-Sa Attard tikkummenta li minn kif qed tara l-affarijiet mhux worhed li nwebbsu

Rasna u ma nhallsux, ghax nitilghu il-qorti u jkun kaz mitluf, fir-rigward ta kunsill Lokali versus din il-persuna.

28/03/18 Is-Sa Meli tghid li ahna m'ahniex il-gudikaturi

28/03/18 Is-Sa Attard qalet li l-affarijiet kif jidhru l-evidenza hemm qieghda

28/03/19 Is-Sa Meli sahqet li llum 11 t'Awwissu 2025 irid jittiehed vot, kulhadd ovvjament Bl-opinjoni tieghu, dwar il-hlas jekk ghandux jithallas, bhalma ghaddiet il-vot fir-Rigward tas-security li qalet li se terggha ssemmi, u dwar il-fatt li min hu Responsabbli irid jerfgha r-responsabbilta ghax ma mexiex skond il-proceduri.

28/03/20 Is-Sa Gauci issaqsi jekk hux possibli jigi l-avukat biex jitkellem mall-membri tal-Kunsill.

28/03/21 Is-Sa Meli wegbitha li iva u sadanittant tablet ghall vot by show of hands jekk hux xe Jghaddi l-pagament tal-boxing services lill-organizzaturi u liema flus kienu se Jinhargu minn fondi pubblici u li m'humiex fil-budget ghalhekk wiehed irid jara kif se Jigu rkuprati billi jzomm min hu responsabbli ghax agixxa kontra l-proceduri tal-Kunsill.

28/03/22 Is-Sa Marilena regghet saqsiet ghal darb'ohra fir-rigward tal-parir legali, x'kien

28/03/23 Is-Sa Meli irrispondiet li kienet ghada kif qqlet x'kien u qaltliha li probabbli ma Kienitx qed tifhem allura ippruvat tghidilha f'termi ni semplice li hemm il-kif u x'gara

28/03/24 Is-Sa Marilena tablet li tkun taf x'se jsir

28/03/25 Is-Sa Meli irrispondiet li se tinzamm responsabbli min ma mexiex kif suppost mal-Procedure legali tal-kunsill.

28/03/26 Is-Sa Marilena saqsiet u x'kien il-parir legali li nhasllu?

28/03/28 Is-Sa Meli irrispondiet inhallsu

28/03/28 Is-Sa saqsiet lis-Sa Meli ladarba dak kien il-parir legali ghalxiex qed tistaqsi ghal vot

28/03/29 Is-Sa Meli irrispondiet li fil-kunsill mhiex wahedha, hemm il-membri ghalhekk ma tiehux decizjonijiet wahedha.

28/03/30 Is-Sa Marilena qalet li dak li trid tara – il-parir legali x'kien u li ghal din id-domanda Is-sindku irripondiet dwar il-verifikazzjoniet biss.

Tergha ssaqsi ghall darb'ohra x'kien il-parir legali going forward

28/03/31 Is-Sa Meli iriispondiet li nhallsu

28/03/32 Is-Sa Marilena qalet lis-sindku dan issa qed tghidu li biex inhallsu

28/03/33 Is-Sa Meli ccarat id-diskors rigward il-parir legali, li il-kunsill ihallas u li mbghad Imexxi billi jzomm lill min ma mexiex fuq il-protocols u l-linji gwida responsabbli Is-Sa sahqet li ghalkemm hi qieghda tmexxi, xorta tghamel parti minn team, Ghalhekk irid jittiehed vot wiehed.

28/03/34 Is-Sa Gauci tablet ghall-avukat biex jigi jispjegalhom hu stress.

28/03/35 Is-sa Meli qalet li l-parir legali ghaddietu, il=pozizzjoni hi x'se jghamel il-kunsill B'dan il-kaz. Sahqet li kien hemm bzonn li jghaddu ghal vot ghax hemm termini Legali li rridu nghaddu ghalihom.

28/03/36 Is-Sa Meli saqsiet jekk il-membri jaqblux jejkk jghaddu ghall-vot

28/03/38 Is-Sa Marilena staqsiet jekk kinex possibbli li l-avukat jigi jkellimhom

28/03/38 Is-Sa Meli irrispondiet li se jigi jkellimhom imma jridu jghaddu ghall-vot

28/03/39 Is-Sa Marilena insistiet li qabel jitkellmu ma l-avukat mhux se jsir xejn

28/03/40 Is-Sa Meli tablet li tigi sospiza l-laqgha sakemm tikkuntattja lill-avukat.

28/03/41 Is-Sa Meli spjegat lill-avukat fuq il-kontenut tal-laqgha u ghamlitu fuq speaker.

28/03/42 Is-Sa Meli irringrazzjat lill Dr Gerada tad-disponibilita tieghu

28/03/43 Dr Gerada qal li ghalkemm ma kienx prezenti waqt il-laqgha, setgha jassumi li l-kunsill gie infurmat bil-laqgha li kien hemm ma l-organizzaturi tal-event tal-boxing u l-avukati taghhom u li qed jghamlu il-claim taghhom u li s'issa f'dan l-istadju irrispondejna billi irrifjutajna dik il-claim ghas semplici raguni li kellna nivverifikaw minn fejn gew dawk l-ammonti kbar. Biex sirna nafu dan tlabna ghall informazzjoni.

Ikompli jghod li l-informazzjoni li ntlabet ghaddiet il-gimgha 8 t'Awwissu 2025.

28/03/44 s-sa Meli interrompitu biex tinfurmah li l-gimgha Kella tigi aggornata l-laqgha, u li Illum il-11 t'Awwissu 2025, hi ghaddiet l-informazzjoni kolla waqt il-laqgha tal-Kunsill

28/03/45 L-avukat, Dr Gerada jghid li ovvjament ghad hemm issues kbar rigward il-Procedura kif saret biex jittellgha dan l-avveniment. Ikompli billi jghid li s-servizz Jidher li inghata mill-informazzjoni li nghatajna dak li ntalab sar, fil-pjazza tal-Gharghur u li kulhadd kien jaf bih ghax kien hemmriklamar fuqu anke fuq social Media -Facebook post.

Jissokta jghid li f'dawn is-sitwazzjonijiet li kieku wiehed jiddeciedi li ma jhallasx,

Ovvjament se mmorru l-qort, fejn ic-chances huma li x'aktarx il-qorti se tghidlek li Jekk Is-servizz hadnieh, anke jekk il-proceduri ta kif ma sarux kif suppost.

28/03/45 Is-Sa Meli twaqqfu ghal ftit fejn tghidlu li xi membri talbu ghal spjegazzjoni u iktar Mohhom fil-mobile milli x'qed jghid l-avukat.

28/03/46 Is-Sa Gauci qaltiliha li hi tismgha minn widnejha u mhux minn ghajnejha u Irringrazzjat lill-avukat ta l-ispjegazzjoni.

28/03/48 L-avukat reggha tenna li jekk il-kunsill se jmir il-qorti, dan se jghidlek li ladarba is-Servizz inghata, dan irid jithallas.

28/03/48 Hawnhekk l-avukat isemmi il-kwistjoni tal-procedura u jghid li jekk il-procurement Law tesigi li trid iggib 3 quotes, u ta ezempju billi qal tingieb quote wahda u ttiehed Id-decisjoni li tmur ghal direct order mentri suppost gibt 3 quotes, jekk mort direct Order u x-xoghol sar, is-service provider mhux responsabbli hu illi jara li ahna bhala Kunsill gibna it-3 quotes. Din kienet id-dmir ta min kellu dik l-awtorita. Imbghad Legalment wiehed irid jara min se jerfg ha r-responsabbilta jekk l-affarijiet ma sarux Sew. Spicca billi jghid li f'dak l-istadju qieghdin.

28/03/49 Is-Sa Meli saqsiet lill-avukat rigward il-procurement law  u 3 quotes, fil-kwistjoni tas-security, ladarba qed nitkellmu niddiskutuha wkoll,, hemm il-kwistjoni ukoll Jekk is-servizz kienx legalizzat, jigiefieri ma jistghax wiehed jinjora dan il-fatt.

28/03/50 L-avukat qal li l-issue hija simili ta dak li ghadu kif semma , wiehed irid jara Proceduralment l-affarijirt kif saru, jekk sarux sew jew inkella direct order mentri Kellhom jingiebu 3 quotes skond il-procurement regulations, pero iktar minn hekk, Dan il-kaz irridu noqghodu attenti wkoll jekk qabbadniex lill xi hadd jghati servizz li Meta dan mhux suppost kien qed jghatih.

L-avukat jghid li hemmhekk wiehed irid jara jekk ahna konniex qed niksru l-ligi ukoll Apparti li rridu naraw li min kien qed joffri s-servizz li fil-verita mhux suppost kien Qed itih, hemmhekk hemm il-kwistjoni li tmur oltre minn din il-kwistjoni tal-Procurement. Irridu naraw jekk ahna konniex qed niksru l-ligi wkoll apparti min qed Joffri s-servizz, irridu naraw jekk min kien qed joffri servizz li mhux suppost jghamlu U t-tieni jekk ahna tlabniehx joffri servizzi li dik il-kumpanija mhux suppost qed Tghamel u li ahna fir-realta suppost morna ghand l-awtoritajiet illi joffru dak it-tip ta Servizz milli ghand kumpanija private tas-security f'dan il-kaz.

28/03/51 Is-Sa Helen tablet biex titkellem. Qalet li dwar tas-security li gara kien , l-ahhar Gimgha dawn (qed tirreferi ghal LESA) ikkuntattjaw il-kunsill u qalulhom li mhux Se jibghatu wardens kif kien ordnati ghaliex ghandhom hafna festi xi jkopru. Hi Tishaq li dawn (LESA) kienu ilhom infurmati, da kollu sar l-ahhar gimgha ma setghu Isibu xejn u l-kunsill ma setghax ihalli lilll-ghaqdiet b'xejn ghal matul il-festa.

28/03/52 Is-Sa Meli, ma dan il-kumment xtaqet izzid li il-fatti juru xi ftit mod iehor ghaliex Kien hemm ordnijiet ta xahar bil-quddiem ukol

28/03/53 Is-Sa Gauci qalet li mhux ghal tal-festa zgur qed nghidu

28/03/54 Is-Sa Meli sostniet li wiehed irid jara l-fatti kolla.

28/03/55 L-avukat qal li kien se jghamilha cara li ltaqa maghha hu, jifhem x'kienet qed tghid Is-Sa Gauci ghax ghandu sitwazzjonijiet ta klijenti tieghi li qieghdin jippruvaw ghax Ghandhom permessi biex jibnu u ma jsibux wardens, tat-Transport Malta u pulizija Biex jghalqu t-triq halli jkunu jistghu jghamlu x-xoghol.

Ikompli jghid li sfortunatament x'jigri f'dawn il-kazijiet? Ikollom jistennew sakemm Jinghataw appuntament

28/03/56 Is-Sa Gauci sostniet li ghall-festa ma tistghax tistenna Sur avukat.

28/03/57 L-avukat qalla iva pero...

28/03/58 Is-Sa Gauci qalet li l-anqas il-bini ma jistenna. Ejja sal-gimgha l-ohra stress hawn Kienu minghajr wardens kif kienu jkunu. Hi tghid li ma ttihomx tort lill dawn in-nies Ghax ikollom l-affarijiet ordnati.

28/03/59 L-avukat qal biex ma ninsewx li l-kunsill huwa entita governattiva li jirraprezenta l-interessi tal-poplu u ghalhekk ma nistghux ahna mmorru u niksru l-ligijiet ghax sfortunatament is-sistema mhix tahdem sewwa u mhux insibu wardens jew pulizija ghall-festa.

28/03/60 Is- Sa Meli qalet li ghadna qed nivverifikaw jekk kienx hemm talba lill awtoritajiet Ghax l-ufficcju qed jghidu mod u hawn qed jghidu mod iehor.

Tghid biex anke ma ntawwlux jekk hadd m'ghandu izjed domandi

28/03/61 L-avukat jghid li dan l-istadju going forward, li l-affarijiet isiru skond il-proceduri Mitluba biex jigu evitati sitwazzjonijiet bhal dawn il quddiem.

28/03/62 Il-kunsill irringrazzja lill-avukat ta l-ispjegazzjoni.

28/04 **Konkluzjoni**

28/04/01 Is-Sa Meli tablet biex il-membri tal-kunsill jghaddu ghal vot mehtieg rigward Din il-kwistjoni.

Hi fakkret li l-vot tas-security kien diga ttihed fil-laqgha precedent, jigifieri Tal-lum huwa primarjament tal-boxing.

Il-vot se jkun li l-kunsill se jhallas l-ispejjez ta l-avveniment tal-boxing, bhala Kunsill minn fondi pubblici, ghall attivita li m'hemmx budget ghaliha, u li Hemm il-provi li din saret mill-kunsill, imma ovvjament irridu naraw min se Jinzamm responsabbli ghaliha ghaliex il-kunsill ma mexiex skond il-Proceduri

28/04/02 Is-Sa Meli tablet li min jaqbel jgholli idejh – Is-Sindku is-Sa Meli, il-vici Sindku is-Sa Attard u s-Sur Fenech kienu favur

Is-Sa Marilena galea u s-Sa Gauci astjenew ghax is-Sa Gauci stqarret li trid Tiehu parir legali.

28/04/03 Is-Sa Meli tghalaq il-laqgha billi tghid li hawn min kien involute direttament Fost dawk prezenti waqt il-laqgha u li hi tifhem li s-Sa Gauci tixtieq tiehu Parir legali, ma ninsewx li saret garanzija personali pubblikament rigward Dan il-hlas li tale hlas qatt ma gie ccarat ukoll ma l-organizzatur. Fil-prezent Tghid li waqt li fil-prezent qieghda hi fit-tmexxija, sa mill-bidu qalet li Ghandha r-responsabbilta li tara l-ahjar interessi tal-lokal u tal-kunsill li Mmexxu fi hdan il Gharghur u dan hu dak li qed tghamel.

28/04/04 Is-Sur Fenech saqsa jekk id-diskors tieghu kienx innutatu mnizzel u wara li Is-Sa Meli irrispondietu li iva, Is-Sindku irringrazzjat lill kulhadd u l-laqgha Intemmet.

28/05 Tmiem il-laqgha li spiccat fis 6.00pm

| | |
|---|---|
| Mariah Meli | Maria Victoria Vassallo |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

28/02/02 Il-laqgha li Kella ssir illum 8 t'Awwissu giet postposta ghall nhar il-Hamis 14 T'Awwissu 2025 fil-5.30pm

28/03 Tmiem il-Laqgha li spiccat fil-5.45pm

| | |
|---|---|
| Maraih Meli | Maria Victoria Vassallo |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |